MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 1216/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**KONTRA**

**SEAN BRIFFA**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sean Briffa ta’ 18- il sena, bin Lawrence u Jane nee’ Fenech, mwieled Pieta’ nhar is- 16 ta’ Settembru 1993, residenti 101, Triq il- Kbira, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 426193M;

U

OMMISSIS

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi, u liema atti gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda u cioe;

1) Talli fis- 26 ta’ Ottubru 2011 u fil- granet u x- xhur ta’ qabel din id- data gewwa Zabbar u f’dawn il- Gzejjer, xjentament xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa u cioe’ senter tal- marka Beretta bin- numru tas- serje kkancellat li l- valur tieghu jeccedi €232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.4 mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’ kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil- pussess tieghu armi regolari u cioe’ snieter minghajr il- licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat, flimkien ma’ Luke Vella, kien f’vettura misjuqa minn Vella meta gie mwaqqaf mil-Pulizija wara li x-xufier kien qed isuq minghajr l-uzu tas-“seat belt” u juza t-telefon cellulari tieghu. Il-Pulizija sabu arma tan-nar fil-vettura taghhom, u din irrisultat li kienet rappurtata misruqa. Ghalhekk ittiehdu passi kontrihom, bl-imputat jigi akkuzat b’ricettazzjoni u pussess ta’ arma tan-nar minghajr licenzja. Hu ammetta l-akkuzi kontra tieghu, u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati u sejra tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu.

Il-Qorti semghet kif l-intenzjoni taz-zewg guvintur kienet li jmorru ghall-kacca, u ghalhekk kellhom l-arma fil-vettura. Ir-reat in easmi huwa wiehed serju u gravi, ghalkemm ma halla ebda konsegwenza lil terzi. Il-kontroll fuq il-pussess tal-armi tan-nar huwa wiehed mill-aktar importanti fid-doveri tal-Pulizija, fl-izvolgiment taz-zamma tal-buon ordni u paci pubblika fis-socjeta’. Il-parametri tal-piena huma wiesa’ f’dan il-kaz, bejn l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 466, sal-multa, sa prigunerija sospiza jew effettiva. Ghalhekk, il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, li hi ghal kollox netta, u rat l-eta’ tenera tieghu kif ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu. Jidher car li l-imputat ghandu bzonn sorveljanza stretta fil-hajja tieghu, aktar minn piena li sservi ta’ deterrent jew ta’ ezempju ghal haddiehor. Fil-fehma tal-Qorti, minn dak li gie rappurtat lilha mill-partijiet fil-kawza, l-imputat ghandu bzonn ta’ min jaghtih direzzjoni fil-hajja. Ghalhekk f’dan il-kaz ghandha tigi applikata sanzjoni fil-komunita’, apparti l-multa skond it-termini tal-Kap 480, li hija tassattiva fil-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta’ Ordni ta’ Probation ghal tlett

(3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tikkundannah ukoll multa ta’ seba’ mitt ewro (€700), u tordna l-iskwalifika tal-imputat milli jzomm licenzja ghal garr u zamma ta’ arma ghal perijodu ta’ sentejn, ai termni tal- Artikolu 30 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------